

Rikors ippreżentat fit-28 ta' Ġunju 2019 — Allione vs Il-Parlament**(Kawża T-396/19)**

(2019/C 280/62)

*Lingwa tal-kawża: it-Taljan***Partijiet****Rikorrenti:** Emma Allione (Milano, l-Italja) (rappreżentant: M. Merola, avukat)**Konvenut:** Il-Parlament Ewropew**Talbiet**

Ir-rikorrenti titlob li l-Qorti Ĝeneralni jogħġobha:

- tiddikjara ineżistenti jew tannulla kompletament il-miżura li dwarha r-rikorrenti ġiet informata permezz tal-komunikazzjoni kkontestata, li biha l-Parlament Ewropew iddetermina mill-ġdid id-drittijiet għal pensjoni tal-irtirar u ordnat l-irkupru tal-ammont imħallas fuq il-bażi ta' kalkolu tal-pensjoni preċedenti;
- tordna lill-Parlament Ewropew għar-restituzzjoni tal-ammonti kollha miżmuma b'mod indebitu flimkien mal-interessi legali mid-data ta' meta dawn inżammu sal-ħlas tagħhom kif ukoll tordna lill-Parlament Ewropew sabiex teżegwixxi s-sentenza mogħtija u tassumi l-inizjattivi, atti jew provvedimenti kollha neċċesarji sabiex tiggarantixxi l-istabbiliment sħiħ mill-ġdid tal-miżura oriġinali tal-pensjoni dovuta;
- tikkundanna lill-Parlament Ewropew għall-ispejjeż.

Motivi u argumenti prinċipali

Il-motivi u l-argumenti prinċipali huma simili għal dawk invokati fil-Kawża T-389/19, Coppo Gavazzi vs Il-Parlament.

Rikors ippreżentat fit-28 ta' Ġunju 2019 — Novati vs Il-Parlament**(Kawża T-397/19)**

(2019/C 280/63)

*Lingwa tal-kawża: it-Taljan***Partijiet****Rikorrenta:** Vanda Novati (Milano, l-Italja) (rappreżentant: M. Merola, avukat)**Konvenut:** Il-Parlament Ewropew**Talbiet**

Ir-rikorrenti titlob li l-Qorti Ĝeneralni jogħġobha:

- tiddikjara ineżistenti jew tannulla fl-intier tagħha l-miżura li biha r-rikorrenti ġiet infurmata permezz tal-komunikazzjoni kkontestata, li biha l-Parlament Ewropew iddetermina mill-ġdid id-drittijiet għall-pensjoni tal-irtirar u ordna l-irkupru tal-ammont imħallas abbażi tal-kalkolu tal-pensjoni preċedenti tal-pensjoni;

- tordna lill-Parlament Ewropew iħallas lura s-somom kollha miżmuma indebitament miżjudha bl-interessi legali mid-data taż-żamma sad-data tal-ħlas u tordna lill-Parlament Ewropew jeżegwixxi s-sentenza mogħtija u jieħu l-inizjattivi, atti jew miżuri kollha meħtieġa sabiex jiżgura li jkun stabbilit mill-ġdid, b'mod immedjat u sħiħ l-ammont oriġinali tal-pensjoni;
- tikkundanna lill-Parlament Ewropew għall-ispejjeż.

Motivi u argumenti prinċipali

Il-motivi u l-argumenti prinċipali huma simili għal dawk invokati fil-Kawża T-389/19, Coppo Gavazzi vs Il-Parlament.

Rikors ippreżentat fit-28 ta' Ġunju 2019 — Paciotti vs Il-Parlament

(Kawża T-398/19)

(2019/C 280/64)

Lingwa tal-kawża: it-Taljan

Partijiet

Rikorrenti: Elena Ornella Paciotti (Milano, l-Italja) (rappreżentant: M. Merola, avukat)

Konvenut: Il-Parlament Ewropew

Talbiet

Ir-rikorrenti titlob li l-Qorti Ġenerali jogħġibha:

- tiddikjara ineżistenti jew tannulla b'mod sħiħ l-att li r-riktorrent għie informat bih permezz tal-komunikazzjoni kkontestata, li permezz tiegħu l-Parlament Ewropew iddetermina mill-ġdid id-drittijiet għall-pensjoni marbuta mal-waqfien tal-attività u ordna l-irkupru tal-ammont imħallas abbażi tal-kalkolu tal-pensjoni preċedenti;
- tordna lill-Parlament Ewropew iħallas lura l-ammonti kollha miżmuma indebitament, flimkien mal-interessi bir-rata legali mid-data taż-żamma sal-ħlas tagħihom, u tikkundanna lill-Parlament Ewropew jeżegwixxi s-sentenza li għandha tingħata u jadotta kull inizjattiva, att jew miżura neċċessarja biex jiżgura r-ri kostituzzjoni immedjata u sħiħa tal-portata inizjali tal-benefiċċju tal-pensjoni;
- tikkundanna lill-Parlament Ewropew għall-ispejjeż.

Motivi u argumenti prinċipali

Il-motivi u l-argumenti prinċipali huma simili għal dawk invokati fil-Kawża T-389/19, Coppo Gavazzi vs Il-Parlament.